**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**
**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Numru 442/2022 MS*

**Alexander Vella; Yvette Camilleri; Christina Bajada; Karen Cassar; Kenneth Bowman; u Kathleen Bowman**

**Vs.**

**L-Avukat tal-Istat u Joseph Grima**

Illum, 18 ta' Novembru, 2024

Kawża Numru:1K

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors preżentat mir-rikorrenti fis-26 t'Awwissu 2022 li bih wara li ppremettew kif ġej:

Illi r-rikorrenti huma l-koproprjetarji tal-fond numru disgha u tletin (39), Melita street, Sliema;

Illi l-imsemmi fond kien gie koncess ghal sbatax (17) il-sena lill-intimat Joseph Grima b'titolu ta' sub enfitewsi temporanja permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dr. Maurice Gambin datat 12 ta' Awissu 1964 – Dok A;

Wara dawn s-sbatax il-sena, din l-koncessjoni enfitewtika giet fit-tmiemha, u ai termini tal-Artikolu 12(2) tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar (Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta), dan t-titolu gie konvertit f'wiehed ta' kera;

Illi b'rizultat tal-Artikolu 12(2) tal-Kapitolu 158, r-rikorrenti gew u qeghdin jigu mcahhda mit-tgawdija reali u proprja tal-proprjeta taghhom kif ukoll milli jirriprendu l-pussess vakanti tal-istess, u dana billi l-intimat Grima inghata d-dritt li jikkonverti l-istess enfitewsi f'relazzjoni ta' kirja. B'hekk ir-rikorrenti gew u qeghdin jigu forzatament imnehhija u deprivati mill-pussess tal-proprjeta minghajr kumpens adegwat;

Illi l-kondizzjonijiet tassattivament naxxenti mill-istess ligi huma sproporzjonati billi l-pizijiet huma mitfuwha ghal kollox fuq r-rikorrenti, bl-uniku kumpens offrut ghac-cahda indefinita tal-pussess tal-fond imsemmi huwa illi r-rikorrenti bhala sidien legittimi, jirceivu l-istess ammont tac-cens konvertit bhala kera;

Illi fil-fatt sal-gurnata tal-llum, il-kera mhallsa mill-intimat Grima huwa fl-ammont ta' sebgha mija u hamsa u erbghin Euro (€ 745) fis-sena, liema ammont huwa ferm aktar baxx mill-valur lokatizzju tal-fond in kwistjoni fuq is-suq miftuh, u dan kif se jigi ppruvat waqt t-trattazzjoni tal-kawza;

Illi nonostante illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-fond, huwa inkontrovertibbli illi permezz tal-ligi relattiva, giet imposta fuqhom relazzjoni gdida mal-intimat Grima ghal perijodu indefinit minghajr ma' l-istess rikorrenti ghandhom rimedju effettiv biex jirriprendu l-pussess vakanti ta' dik illi hija proprjeta taghhom

l-istess rikorrenti għaddew biex jitolbu lil din il-Qorti sabiex:

i) Tiddikjara li l-Artikolu 12(2) tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta huwa leziv ghad-drittijiet tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjeta taghhom bi vjolazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-ewwel artikolu tal-Ewwel

Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif inkorporat fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii) Tiddikajra null u u bla ebda effett il-Artikolu 12(2) tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu jilledi d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tar-rikorrenti hekk kif sanciti taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea ghal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif inkorporat fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

iii) Taghti lir-rikorrenti dawk ir-rimedji li jidrilha xierqa sabiex jigu rispettati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u dan kif protetti mill-istess Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea ghal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif inkorporat fil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz li tiddikjara li l-intimat Jason Grima m'ghandhux id-dritt li jinvoka l-Artikolu 12(2) tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jibqa jabita fil-fond imsemmi, ossia fond numru disgha u tletin (39), Melita street, Sliema;

iv) Tillikwida kumpens pekunjarju u non-pekunjarju dovut lir-rikorrenti, u jekk ikun il-kaz bl-opera ta' perit nominandi, u tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex ihallsu l-kumpens hekk likwidat.

Bl'ispejjez kontra l-istess intimati, jew min minnhom, li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

2. Rat ir-risposta preżentata mill-Avukat tal-Istat fis-17 t'Ottubru 2022[1], li permezz tagħha ġie eċċepit hekk:

Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija fis-sens illi bit-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XXIII tal-1979 u bl-operazzjonijiet tal-liġijiet viġenti, senjatament l-artikolu 12(2), qed jiġu miksura d-drittijiet salvagwardjati permezz tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u dan billi r-rikorrenti qiegħdin jiġu mċaħħda mit-tgawdija ta' fond numru 39, Melita Street, Sliema,

1. Illi *in linea preliminari* r-rikorrenti għandhom iġibu prova kemm tat-titolu tagħhom fuq il-fond, prova tal-kirja u prova

[1] Fol.8.

li l-kirja hija regolata permezz tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu l-esponent jopponi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għas-segwenti raġunijiet li qegħdin jiġu avvanzati mingħajr preġudizzju għal xulxin;

3. Illi l-esponent jeċepixxi l-inapplikabilita' tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan peress illi dan l-artikolu japplika biss f'każ ta' teħid forzuż tal-proprjeta'. Illi sabiex wieħed ikun jista' jitkellem fuq teħid forzuż jew obbligatorju, persuna trid tiġi żvestita minn kull dritt li għandha fuq dik il-proprjeta'. Pero' ċertament li fil-każ odjern fejn ir-rikorrent baqa (fil-porzjonijiet relattivi tiegħu) is-sid tal-propjeta, tali żvestiment ma sarx;

4. Illi ma hemm ebda ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem stante li taħt il-liġijiet tal-kera ma jseħħx 'teħid forzuz jew obbligatorju tal-proprjeta' iżda kontroll biss tal-użu tagħha u dan anke fil-parametri tal-Konvenzjoni;

5. Illi l-Istat, tramite il-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, irregolarizza sitwazzjoni ta' natura soċjali fl-ambitu tal-ġid komuni b'dana pero' li baqgħu impreġudikati d-drittijiet tas-sidt qua proprjetarja tal-fond. Illi l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa u għandu marġini ta' apprezzament wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u sabiex jistabilixxi liema huma dawk il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien tal-interess ġenerali;

6. Illi tali diskrezzjoni tal-leġislatur m'għandiex titbiddel sakemm din ma tkunx manifestament mingħajr bażi raġjonevoli. Magħdud ma' dak li ġie spjegat aktar 'il fuq f'din ir-risposta l-esponent jisħaq li fil-każ odjern hemm bażi raġjonevoli li tiġġustifika l-promulgazzjoni tal-leġislazzjoni li tinsab taħt skrutinju fil-kawża odjerna;

7. Illi fl-umli fehma tal-esponent fil-każ odjern dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tevalwa l-lat proporzjonali ta' din il-Liġi minn punto di vista ta' spekulazzjoni fuq is-suq tal-proprjeta' imma għandha tevalwa u tapplika l-Liġi fil-qafas aktar wiesgħa u cioe' mill-aspett ta' proporzjonalita' fid-dawl tar-realta' ekonomika u soċjali tal-pajjiż in ġenerali fejn jidħol il-bżonn ta'akkomozzjoni;

8. Illi ma hemm l-ebda raġuni li l-liġi in kwistjoni tiġi ddikjarata nulla u bla effett stante li l-istess liġi hija waħda valida;

9. Illi r-rikorrenti jistgħu jirrikorri għall-rimedji ordinarji quddiem il-Bord li Jirregla l-Kera sabiex tiġi aġġustata l-kirja u jsir ukoll test tal-mezzi sabiex jiġi deċiż jekk l-inkwilin għandux lok jibqa' jabita fil-fond in kwistjoni u kif ukoll tiġi aġġustata l-kirja. Illi r-rikorrenti kellhom dawn ir-rimedji sa mill-introduzzjoni tagħhom mis-sena 2018. Illi la jeżisti rimedju ordinarju fil-liġi nostrana, ma għanda lanqas issir xi dikjarazzjoni li l-intimat Joseph Grima ma għandux jistrieħ fuq il-Kapitolu 158 u dan anke kif ser jiġi trattat;

10. Illi konsegwentement l-ebda mit-talbiet ma għandhom jiġu milqugħa;

11. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, dato ma non concesso li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, l-esponent jirrileva li fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, dikjarazzjoni ta' ksur hija suffiċjenti u ma hemmx lok għal rimedji oħra;

12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti jekk ikun il-każ;

Għaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad il-pretensjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra l-istess.

3. Rat ir-risposta preżentata mill-intimat Grima fit-12 ta' Mejju 2023[2], li biha huwa wieġeb hekk:

1. Illi, preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti, l-eccipjent ma huwiex il-legittimu kontradittur sabiex iwiegeb ghat-talba tar-rikorrenti u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju fir-rigward tal-istess talbiet u dan stante li fir-rigward ta' din it-talba, min-natura taghha stess, tali talba tista tingieb biss kontra l- Gvern jew enti pubblici li huma kostituzzjonalment vestiti bil-garanzija tad-drittijiet fundamentali fit-termini tal-Kostituzzjoni u/jew I-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja ghaliex huma responsabbli mill-iStat ta' dritt fil-pajjiz;

[2] Fol.36.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, ir-rikorrenti ghandhom igibu prova cara u inekwivoka tat-titolu taghhom, ossia li huma proprjetarji tal-imsemmija proprjeta' ;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, l-Intimat jikkontendi li ma kien hemm ebda ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll stante li fil- kaz odjern sar biss kontroll fl-uzu tal-proprjeta' in kwistjoni fil-parametri ta' dak permessibbli taht dan id-dritt fundamentali;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, jigi eccepiet l-inapplikabilita' tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan stante li dan l-artikolu japplika f'kaz ta' tehid b'mod sfurzat tal-proprjeta', haga li ma sehhietx;

5. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, it-talbiet tar- rikorrenti huma msejsa fuq allegati lezjonijiet tad-drittijiet fundamentali tal-istess rikorrenti, kkawzati mil-ligijiet vigenti kif minnhom imsemmija, mentri l-eccipjent ma ghamel ebda ligijiet, anzi huma dejjem mexa tajjeb mal-ligijiet legittimi promulgati mill- legislatur tal-Istat u fil-parametri tal-istess ligijiet, u allura bl-ebda mod ma seta jilledi d- drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, u per konsegwenza, ma ghandux jinstab responsabbli ghall-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, u lanqas konsegwentement m'għandu jbati konsegwenzi jew tigi mgieghla joffri rimedju u/jew kumpens u/jew danni;

6. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti jigi rilevat illi ma hemm ebda ksur tad-drittijiet stante li tali Ligijiet kif emendati tul is-snin saru taht qafas legali li skop legittimu stante li tali ligijiet gew promulgati fl-interess generali sabiex jigu indirizzati htigijiet socjo-ekonomici filwaqt li jzommu bilanc gust u proporzjonat bejn l-ghan socjali u d-drittijiet fundamentali tas-sidien ;

7. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti jigi rilevat illi gie introdott rimedju ghall-ilmenti tas-sidien u dan permezz tal-Att XXVII tal-2018 liema rimedju jzomm bilanc gust u proprozjonat bejn l-ghan socjali u d-drittijiet fundamentali tas-sidien. Ghalhekk ir-rikorrenti diga' ghandhom rimedju ;

> 8. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti in kwantu, l- intimata tirrileva s-segwenti :
> a. Illi l-intimat ghandu dritt legali naxxenti mill-Kapitlu 158 tal-Ligijiet ta' Malta li jibqa tirrisjedi f'dan il-fond u per konsegwenza jhallas il-kera u dan kollox ai termini tal-istess Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta;
> b. Illi konsegwentement ir-rikorrent diga ghandhom rimedju ordinarju ossia li jitolbu lill- Bord li Jirregola l-Kera li tigi riveduta l-kirja;
> c. Illi per konsegwenza r-rikorrenti ghandhom l-ewwel jezawrixxu ir-rimedji ordinarji li taghtihom l-ligi;
>
> 9. Illi, it-talbiet tar-rikorrenti, in kwantu diretti lejn l-Intimat Esponent, ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, stante li l-intimat dejjem adera ruhu skont il-ligi, u inoltre kien dejjem ben rikonoxxut bhala l-idoneu inkwilin mis-sidien tal-fond in kwistjoni matul is-snin, l-intimat dejjem adopera, mexa ma u strah fuq id-disposizzjonijiet tal-ligijiet vigenti rigwardanti l-istess titolu lokatizzju tieghu u d-drittijiet naxxenti ;
>
> 10. Il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-Rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt ;
>
> 11. Salv linji difensjonali ulterjuri hekk u meta permessi minn dina l-Onorabbli Qorti fil- kompetenza Kostituzzjonali taghha.
>
> Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet suesposti b'mod dettaljat, l-Intimat qed jinsisti li t-talbiet kollha tar-Rikorrenti, b'mod partikolari fil-konfront tieghu, ghandhom jigu michuda minn din l- Onorabbli Qorti u dana a spejjez interament tar-Rikorrenti.

4. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

5. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub li ġew preżentati;

6. Rat li l-kawża ġiet imħollija għal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

7. Illi din hija azzjoni li permezz tagħha r-rikorrenti qed jilmentaw minn vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tagħhom kif protetti mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u mill-

artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Ir-rikorrenti jgħidu li proprjetà tagħhom, u ċjoè l-fond bin-numru disgħa u tletin (39) fi Triq Melita fi Sliema (minn issa ‘l quddiem imsejjaħ «il-Fond») huwa mikri lill-intimat Grima, u li din il-kirja tnisslet u tinsab protetta mid-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll ta’ Djar[3] (minn issa ‘l quddiem se tissejjaħ biss bħala «l-Ordinanza»). Ir-rikorrenti jgħidu li kienet din il-kirja, kif protetta mill-Ordinanza, li wasslet għall-ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħhom.

8. Il-fatti rilevanti jistgħu jiġu riassunti kif ġej.

9. B’kuntratt tat-13 ta’ Lulju 1949 magħmul fl-atti tan-Nutar Joseph Raymond Grech[4], Ovid Vella kiseb il-Fond u beni oħra mingħand Rosario Borg.

10. Ovid Vella miet fit-22 ta’ Diċembru 1989[5]. Ir-rikorrenti jgħidu li Vella nnomina bħala werrieta tiegħu lill-erba’ wliedu u ċjoè Sharelle Bowman, Alexander Vella, Yvette Camilleri u Christine Bajada, filwaqt li ħalla l-użu u l-użufrutt fuq l-eredità tiegħu favur l-armla tiegħu Ines Vella[6]. Ines Vella mietet fit-30 ta’ Diċembru 2004, u l-eredità tagħha kienet regolata mill-istess testment pubbliku li bih ġiet regolata s-suċċessjoni ta’ żewġha, u ċjoè dak magħmul fid-9 ta’ Mejju 1972 fl-atti tan-Nutar George Bonello Dupuis. Sadanittant però Sharelle Bowman kienet laħqet mietet fl-10 t’Ottubru 1993, u għalhekk sehmha għadda fuq it-tliet uliedha bid-dritt ta’ rappreżentanza[7]. Uliedha huma r-rikorrenti Karen, Kenneth u Kathleen.

11. Jirriżulta li l-intimat Grima beda jgħix fil-Fond flimkien ma’ martu, illum defunta, wara li huwa kiseb titolu ta’ enfitewsi temporanja fuq il-Fond bis-saħħa ta’ kuntratt magħmul fis-16 ta’ Settembru 1971 fl-atti tan-Nutar Joseph Vella Galea[8]. It-terminu miftiehem kien ta’ sbatax-il sena dekorribbli minn dakinhar tal-kuntratt preċitat. Iċ-ċens annwu u temporanju li huwa ftiehem ma’ Ovid Vella kien ta’ Lm80. Hekk kif dan it-titolu enfitewtiku skada, l-intimat Grima baqa’ jirrisjedi fil-Fond b’titolu ta’ lokazzjoni, b’dan

[3] Kapitolu 158 tal-liġijiet ta’ Malta.
[4] Fol.16.
[5] Fol.18.
[6] Ara x-xiehda bl-affidavit tar-rikorrenti Alexander Vella, a fol.15.
[7] Ara l-att ta’ dikjarazzjoni *causa mortis* magħmul fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat fit-28 ta’ Ġunju 2005, a fol.22.
[8] Fol.75.

illi minflok beda jħallas l-ammont ta’ Lm160 fis-sena bħala kera[9]. Mill-kopji tal-irċevuti tal-kera li ġew eżebiti f’dawn l-atti jirriżulta li fl-aħħar żminijiet, huwa kien qed iħallas €745 fis-sena bħala kera[10].

Ikkunsidrat:

12. Illi l-Qorti hija sodisfatta mill-provi mressqin mir-rikorrenti dwar it-titolu tagħhom fuq il-Fond. Huwa prinċipju paċifiku llum li f’azzjoni bħal din ir-rikorrent mhux obbligat li jġib prova daqstant rigoruża tat-titolu tiegħu. Kif intqal fid-deċiżjoni ***Robert Galea vs. Avukat Ġenerali et*** (Prim’Awla Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 7/2/2017): «*Huwa biżżejjed, għall-finijiet ta’ dak l-artikolu, li wieħed juri li għandu jedd fil-ħaġa li tkun li bih jista’ jieqaf għall-pretensjonijiet ta’ ħaddieħor. Imbagħad, għall-finijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, huwa biżżejjed li l-persuna turi li kellha l-pussess tal-ħaġa li tkun*». Hekk, per eżempju, fil-kawża ***Catherine Tabone pro et noe vs. L-Avukat Ġenerali et*** (Qorti Kostituzzjonali, 27/3/2020) ġiet konsidrata favorevolment bħala prova ta’ titolu għal finijiet ta’ proċedura bħal din dikjarazzjoni *causa mortis*, liema prova qatt ma tkun ikkunsidrata suffiċċjenti weħidha f’azzjonijiet ċivili dwar titoli fuq proprjetà. Fil-każ odjern, ir-rikorrenti ġabu provi aktar milli biżżejjed sabiex juru b’mod konkret il-provenjenza tat-titolu tagħhom.

13. Il-provi juru wkoll li għal żmien konsiderevoli r-rikorrenti ma kellhomx it-tgawdija tal-proprjetà minħabba l-użufrutt li kien fis-seħħ favur Ines Vella. Ġie deċiż diversi drabi li meta fir-rigward ta’ proprjetà jkun hemm fis-seħħ użufrutt, huwa l-użufruttwarju li jista’ jilmenta minn deprivazzjoni fit-tgawdija tiegħ b’konsegwenza tal-liġijiet li jipproteġu l-kirjiet urbani. Dan però mhux ta’ xkiel għall-prosegwiment tal-azzjoni tar-rikorrenti, li bħala werrieta tal-użufruttwarja għandhom ukoll il-jedd għall-kumpens pekunjarju li kien imiss lilha.

14. Bl-istess mod il-Qorti hija wkoll sodisfatta li mill-provi prodotti jirriżulta li l-inkwilin Grima għandu titolu protett ta’ kera bis-saħħa tal-artikolu 12 tal-Ordinanza, u dan wara l-akkwist tat-titolu ta’ subenfitewsi temporanja kif fuq spjegat. Minħabba l-fatt li l-Fond

[9] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-intimat Grima, a fol.43, kif ukoll id-dokumenti eżebiti minn fol.99-144.
[10] Fol.44.

kien okkupat mis-subenfitewta Grima bħala r-residenza ordinarja tiegħu u peress li huwa kien ċittadin ta' Malta, huwa bbenefika mill-protezzjoni li kienet introdotta fl-Ordinanza permezz tal-Att XXIII tal-1979.

Ikkunsidrat:

15. Illi l-intimat Grima jgħid li huwa m'huwiex il-leġittimu kontradittur tal-azzjoni tar-rikorrenti għaliex huwa ma tax lok għal-liġi mpunjata. Dan huwa minnu. B'danakollu hemm raġunijiet oħrajn li jiġġustifikaw għaliex l-intimat Grima ġie sewwa ċitat in ġudizzju f'din il-kawża. Billi l-oġġett tal-kawża huwa proprju d-dritt ta' lokazzjoni li d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza jagħtu lill-intimat Grima, huwa xieraq li dan ikun parti fil-kawża sabiex ikollu l-opportunità li jressaq il-provi kif ukoll li jagħmel dawk is-sottomissjonijiet li jidhirlu opportuni. Huwa wkoll xieraq li huwa jkun parti fil-kawża biex kull deċiżjoni li tista' tingħata f'din il-kawża – kompriża dik dwar jekk hux minnu li jeżisti jedd ta' lokazzjoni protett mid-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza – tkun torbot jew tivvantaġġja lill-intimat Grima wkoll, u b'hekk tiġi evitata l-possibilità ta' ġudikati kontradittorji li ma jagħmlux ġieħ lill-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja.

16. Din l-eċċezzjoni għalhekk hija miċħuda.

Ikkunsidrat:

17. Illi l-intimat Grima u l-Avukat tal-Istat jgħidu wkoll li r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju disponibbli quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera għall-awment tal-kera pagabbli lilhom. Ir-riferenza hawnhekk tidher li hija għad-dritt t'azzjoni maħsub fl-artikolu 12B, li ġie ntrodott fl-Ordinanza permezz tal-Att XXVII tal-2018.

18. Dak ir-rimedju però jaħdem *ex nunc*, u ma jagħti ebda soluzzjoni għall-vjolazzjonijiet li wieħed seta' ġarrab qabel l-introduzzjoni tal-artikolu 12B, preċitat.

19. Din l-eċċezzjoni għalhekk qed tiġi miċħuda wkoll.

Ikkunsidrat:

20. B'din l-azzjoni, ir-rikorrenti qiegħdin jinvokaw kemm l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

21. L-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni jgħid:

> Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist –
>
> (a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq;
> (b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u
> (ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta:
>
> Iżda f'każijiet speċjali l-Parlament jista', jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b'liġi jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jitħarsu, magħduda l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed pussess tagħha jew li tiġi akkwistata b'mod obbligatorju; u f'kull każ bħal dak il-kumpens għandu jiġi iffissat u għandu jitħallas skont hekk.

22. Illi din id-dispożizzjoni għalhekk testendi t-tutela tagħha fir-rigward ta' kwalsiasi teħid ta' pussess jew ksib ta' interess jew dritt fi jew fuq proprjetà b'mod obbligatorju. It-tifsira klassika tad-dritt ta' proprjetà hija riflessa fl-artikolu 320 tal-Kodiċi Ċivili[11]. Fil-

[11] «*Il-proprjetà hija l-jedd li wieħed igawdi u li jiddisponi minn ħwejġu bil-mod l-aktar assolut, basta li bihom ma jagħmilx użu ipprojbit mil-liġi*». Fi kliem awturi kontinentali li dejjem irċevew l-approvazzjoni tal-Qrati tagħna, «*Il diritto di proprietà è anzitutto* assoluto. *Il proprietario ha sulla cosa il potere giuridico più completo,* piena in re potestas. *Egli godrà dunque della sua cosa come vorrà, anchè, se ciò gli aggrada, in modo abusivo, mentre che colui che non ha che un diritto di usufrutto deve goderne come un buon padre di famiglia. Risulta dalla stessa idea che il proprietario non può essere costretto a spogliarsi del suo diritto ... ... ... Come secondo carattere essenziale, il diritto di proprietà è* esclussivo*; il che non è in realtà se non una nuova maniera di manifestare il suo carattere assoluto. Il proprietario si può opporre a che altri tragga dalla sua cosa un utile qualunque, anchè se ciò non gli cagionasse pregiudizio alcuno ... ... ... Già da tempo si è ricondotta l'analisi del diritto di proprieta' a tre elementi: 1.º Il ius utendi, o diritto di servirsi della cosa per tutti gli usi ai quali può prestarsi ... 2.º Il ius fruendi, o diritto di godere della cosa, cioè ricavarne tutti i frutti che può dare ... 3.º Il ius abutendi o diritto di disporre della cosa, sia vendendola, sia consumandola...*» (***Baudry LaCantinerie***, Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Dei Beni, §§200, 201, 204).

fehma ta' din il-Qorti, l-interpretazzjoni korretta tal-artikolu 37 senjatament fid-dawl tat-tifsira ta' «proprjetà» skont il-liġi ċivili tagħna għandha twassal għall-konklużjoni li d-dritt ta' proprjetà, u kull dritt u interess fi jew fuq proprjetà, jinkludu neċessarjament l-użu u t-tgawdija tal-ħaġa, kif ukoll id-dritt li wieħed jirċievi l-kera jew il-frottijiet l-oħrajn li jistgħu jiġu ġenerati minn dik il-ħaġa. Meta allura l-Istat b'xi mod ikun effettivament u sostantivament qiegħed jieħu mingħand is-sid id-dritt li juża mill-proprjetà tiegħu kif jixtieq u kif irid, ikun ifisser li seħħ teħid tal-pussess fuq dik il-proprjetà, kif ukoll ksib ta' interess jew dritt fi u fuq dik l-istess proprjetà, u dan b'mod obbligatorju.

23. Din l-interpretazzjoni aktar wiesgħa tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kienet imħaddna mill-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha fil-każ ***Vincent Curmi noe et vs. Avukat Ġenerali et*** (24/6/2016) meta għaddiet biex tosserva li: «*...għalkemm il-każ odjern ma jittrattax esproprijazzjoni imma jirrigwardja t-teħid ta' interess fi proprjetà għal skopijiet ta' kirja, dan it-teħid ta' interess tant hu riġidu u wiesa' li fil-prattika jservi sabiex jippriva lir-rikorrenti bħala sidien mill-użu u mit-tgawdija tal-proprjetà tagħhom*». Aktar riċentement, il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ***Rebecca Hyzler et vs. Avukat Ġenerali et*** (29/3/2019) osservat dan li ġej:

> Din il-Qorti tosserva li mis-subartikolu 37[1] tal-Kostituzzjoni joħroġ ċar li din id-dispozizzjoni tal-liġi hi maħsuba li tingħata interpretazzjoni wiesgħa permezz tad-diċitatura tagħha fejn il-kliem "interess" u "dritt" ċertament jolqtu l-każ in eżami. Hu veru li m'hemm l-ebda teħid ta' proprjeta` iżda l-limitazzjoni tat-tgawdija tagħha prinċipalment permezz tal-imposizzjoni ta' relazzjoni kontrattwali ta' kera bejn ir-rikorrenti u l-intimati Vella, kontroll ta' dik il-kera u tal-użu tal-fond għal żmien indefinit, tista' biss issarraf għal kisba mingħajr kumpens tal-interess tas-sid f'dik il-proprjeta` u ta' dritt fuqha għall-fini ta' ntrojtu xieraq jew ta' użu. Huwa f'dan is-sens li żviluppat il-ġurisprudenza ta' din il-Qorti[12].

24. Riferenza ssir ukoll għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża ***Louis Vincenti et vs. Maria sive May Herrera et*** (27/1/2021), u għar-rassenja ta' deċiżjonijiet

[12] ***Estelle Azzopardi et vs. Mikelina Said et*** u ***Mikelina Said et vs. Estelle Azzopardi et*** (Qorti Kostituzzjonali, 14/12/2018).

hemmhekk kontenuta. Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dawn id-deċiżjonijiet għar-raġunijiet diġà esposti aktar qabel.

25. L-esklużjonijiet kontenuti fl-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni ma jipproteġux lill-Att XXIII tal-1979, billi dan l-Att, għalkemm jemenda liġi li kienet fis-seħħ qabel it-3 ta' Marzu 1962, għandu l-effetti maħsuba fil-paragrafi (a), (b) u (d) tal-istess dispożizzjoni.

26. Illi issa hija ġurisprudenza kopjuża dik li tqis li dawk il-liġijiet li jipprovdu għall-impożizzjoni ta' relazzjoni lokatizja fuq sidien ta' fondi urbani hija liġi li tfittex li tilħaq skop soċjali fl-interess ġenerali, u li għalhekk minnha nnifisha m'hijiex leżiva tal-jeddijiet fondamentali tal-istess sidien, li huma b'hekk imġiegħla li jkunu lokaturi ta' ħwejjiġhom. Kif osservat issa diversi drabi, l-iskop soċjali li l-leġiżlazzjoni mpunjata f'din il-kawża tippersegwixxi għandu jitqies bħala skop fl-interess pubbliku li jilleġittima l-istess leġiżlazzjoni. Madanakollu, fit-twettiq ta' leġiżlazzjoni bħal din, id-dmir tal-Istat ma jieqafx hemm. Ġie miktub li:

> The Court has broken down Article 1 of the First Protocol into its component parts and has gradually established the relationship between them. Its language has become familiar by frequent repetition. In Sporrong and Lönnroth v Sweden, the Court stated:
>
> [This provision] comprises three distinct rules. The first rule, which is of a general nature enounces the principle of peaceful enjoyment of property; it is set out in the first sentence of the first paragraph. The second rule covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; it appears in the second sentence of the first paragraph. The third rule recognises that the [contracting] states are entitled, amongst other things, to control the use of property in accordance with the general interest, by enforcing such laws as they deem necessary for the purpose; it is contained in the second paragraph.
>
> In James v UK, the Court explained the relationship between the three sentences:
>
> The three rules are not distinct in the sense of being unconnected: the second and third rules are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be

construed in the light of the general principle enunciated in the first rule.[13]

27. Illi fejn jiġi stabbilit li l-interferenza fit-tgawdija tal-possedimenti kellha bażi legali u leġittima, irid imbagħad jiġi mistħarreġ jekk dik l-interferenza tirrispettax bilanċ xieraq u ġust bejn il-ħtiġiet tal-interess ġenerali tal-komunità u r-rekwiżiti dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-individwu. F'dan is-sens huwa spjegat li: «… *the Court assesses the proportionality of the contested measure by determining whether 'a fair balance' has been struck between the interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. This means, in particular, that:* there must be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised by any measure depriving a person of his possessions[14]. *Under this head, the Court may examine whether 'an individual and excessive burden' has been imposed on the individual. Where this is the case, there appears to be a strong presumption of a lack of proportionality, which can be refuted only if adequate remedies and procedural safeguards have been available*»[15].

28. Illi huwa proprju f'dan ir-rispett li l-Istat, kif rappreżentat mill-intimat Avukat tal-Istat, falla.

29. Illi l-provi juru li fiż-żmien meta t-tnisslet il-kirja favur l-intimat Grima bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza, il-Fond kien diġà kellu potenzjal biex iġib kera ferm aktar mid-doppju taċ-ċens li kien miftiehem sbatax-il sena qabel. Hekk kif is-snin bdew igerbu u l-kera pagabbli mill-inkwilini baqgħet sostantivament l-istess, il-valur tal-fond in kwistjoni żdied u baqa' jiżdied b'mod konsiderevoli, u hekk ukoll żdied b'mod konsiderevoli l-valur lokatizju tal-istess fond. Fi kliem ieħor, il-provi juru li r-rikorrenti ġew deprivati mit-tgawdija sħiħa tal-fond u minflok, sabiex l-Istat jilħaq l-iskop soċjali leġittimu li jipprovdi akkomodazzjoni residenzjali lill-inkwilini Grima, tqiegħed piż sproporzjonat fuq is-sidien billi d-deprivazzjoni tagħhom ma saritx versu ħlas ta' kumpens li jista' remotament jitqies adekwat. Dan partikolarment meta wieħed iqabbel

[13] Ara ***Harris, O'Boyle and Warbrick***, Law of the European Convention of Human Rights, 2nd edition, pġa. 666.
[14] See judgment of 21 February 1986, *James and Others*, A.98, p.34; judgment of 8 July 1986, *Lithgow and Others*, A.102, p. 50; judgment of 9 December 1994, *Holy Monasteries*, A.301-A, p. 34; judgment of 20 November 1995, *Pressos Compania Naviera S.A. and Others,* A.332, p.21.
[15] ***Van Dijk & Van Hoof***, Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (Third Edition), §13.4.2.

il-kera effettivament imħallsa mill-intimat Grima skont id-dispożizzjonijiet tal-Att XXIII tal-1979 mal-valuri indikati fil-perizja teknika eżegwita fuq ordni ta' din il-Qorti.

30. Dan kollu jfisser allura li l-artikolu 12 tal-Ordinanza, sa fejn kien jagħti lill-intimat Grima l-fakultà li, kemm-il darba jkun ċittadin Malti u juża l-fond in kwistjoni bħala r-residenza ordinarja tiegħu mat-tmiem tal-konċessjoni enfitewtika, ikompli jokkupa dak il-fond b'titolu ta' lokazzjoni, ma huwiex *ut sic* leżiv fil-konfront tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti. Il-vjolazzjoni ta' dawk il-jeddijiet però tqum minħabba l-fatt li l-leġiżlatur naqas milli jipprovdi mekkaniżmu li permezz tiegħu isseħħ reviżjoni tal-kondizzjonijiet tal-kirja li tkun b'xi mod radikata fuq il-valur tal-fond innifsu. Ir-reviżjonijiet maħsuba fil-Kapitolu 158 huma kompletament distakkati mill-valur tal-fond innifsu, u dawk eventwalment introdotti fil-Kodiċi Ċivili permezz tal-Att X tal-2009 huma tant'ieħor awtomatiċi u b'ebda mod ma jirriflettu iż-żieda fil-valur tal-proprjetajiet tas-sidien li huma mġiegħla jilbsu l-libsa ta' lokaturi.

31. Anki fil-kuntest tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, din il-Qorti ma tistax ħlief tikkonkludi li l-kondizzjonijiet li taħthom jista' jsir teħid ta' pussess jew ksib ta' dritt jew interess fuq jew fi proprjetà b'mod obbligatorju, u kontenuti fil-paragrafi (a) sa (ċ) tal-ewwel subinċiż tal-artikolu 37, ma ġewx osservati. Dan mhux biss għaliex il-ksib obbligatorju ma sarx kontra l-ħlas ta' kumpens xieraq, kif trid il-Kostituzzjoni, iżda wkoll għaliex ir-rikorrenti ma kellhom ebda aċċess għal xi qorti sabiex jiġi determinat kif imiss tali kumpens xieraq.

32. Għalhekk din il-Qorti ssib li tassew kien hemm vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

33. Din il-vjolazzjoni baqgħet sejra, fil-fehma ta' din il-Qorti, sal-promulgazzjoni tal-Att XXVI tal-2018 u ċjoè fl-aħħar ta' Lulju tas-sena 2018. Bil-promulgazzjoni ta' dan l-Att, ġie introdott fil-Kapitolu 158 tal-liġijiet ta' Malta l-artikolu 12B li jagħti lis-sid dritt t'azzjoni sabiex, f'każ li jirriżulta li l-inkwilin huwa sprovvist minn ċertu mezzi skont il-limiti stabbiliti f'leġiżlazzjoni sussidjarja, tintalab reviżjoni fil-kera pagabbli mill-inkwilin, liema reviżjoni tieħu bħala bażi tagħha l-valur tal-fond mikri bħala liberu, frank u bil-pussess vakanti. Din l-emenda allura tmur direttament biex tindirizza n-

nuqqas ta' proporzjonalità li din il-Qorti sabet li wassal għall-ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, billi twassal għar-ripreża fil-pussess tal-fond mikri fejn jinstab li l-inkwilin huwa munit b'mezzi u allura ma jistħoqqlux protezzjoni soċjali, jew inkella għar-reviżjoni tal-kirja f'każ li jinstab li l-inkwilin ħaqqu dik il-protezzjoni.

34. Għalhekk il-Qorti qed issib li r-rikorrenti soffrew vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tagħhom taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll sa mis-sena 1989, liema vjolazzjoni baqgħet sejra sal-31 ta' Lulju 2018.

Ikkunsidrat:

35. Jonqos biss għalhekk li jiġi likwidat kumpens sabiex jagħmel tajjeb għall-vjolazzjonijiet kkonstatati f'din is-sentenza.

36. Illi llum hija ġurisprudenza assodata dik li tistabbilixxi kif għandhom jiġu kalkolati d-danni pekunjarji f'każijiet bħal dak odjern. Issir riferenza għad-deċiżjoni ***Erika Gollcher et vs. L-Avukat tal-Istat et*** (Qorti Kostituzzjonali, 26/1/2022), kif ukoll għad-deċiżjonijiet ***John Mary Buttigieg et vs. L-Avukat Ġenerali et*** *u* ***Jeremy Cauchi et vs. Avukat Ġenerali et***, ilkoll mogħtija mill-istess Qorti Kostituzzjonali fl-istess jum, fejn intqal:

> 27. Il-Qorti tkompli billi tosserva illi llum 'il ġurnata l-likwidazzjoni tal-kumpens dovut f'dawn it-tip ta' każijiet issegwi l-kriterji ta' komputazzjoni stabbiliti fis-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Cauchi v. Malta** (QEDB, 25/03/2021). F'din is-sentenza ġie spjegat, in suċċint, illi sabiex jiġi likwidat kumpens xieraq għandu jsir tnaqqis ta' ċirka 30% mis-somma li kienet tkun perċepibbli mill-atturi fuq is-suq liberu minħabba l-għan leġittimu tal-liġi mpunjata, u tnaqqis ieħor ta' 20% fuq is-somma riżultanti sabiex jittieħed kont tal-inċertezza illi l-atturi kien jirnexxilhom jżommu l-proprjeta` mikrija tul iż-żmien relevanti kollha għall-prezzijiet indikati mill-perit tekniku. Mis-somma riżultanti għandha mbagħad titnaqqas il-kera perċepita mill-atturi, jew il-kera li kienet perċepibbli skont il-liġi.

37. Illi l-ammont perċepibbli f'kera skont il-valur lokatizju tal-fond in kwistjoni kien stmat mill-perit tekniku nominat f'din il-kawża kif ġej:

| **Snin** | **Ammont** |
|---|---|
| | |
| 1989-1990 | €2,520 |
| 1991-1995 | €9,000 |
| 1996-2000 | €15,000 |
| 2001-2005 | €18,900 |
| 2006-2010 | €31,500 |
| 2011-2015 | €30,900 |
| 2016-2017 | €15,000 |
| 2018[16] | €4,375 |
| TOTAL: | €127,195 |

38. Illi mill-ammont totali ta' €127,195 l-ewwel irid isir tnaqqis ta' 30% mbagħad tnaqqis ulterjuri ta' 20% fuq l-ammont riżultanti, għar-raġunijiet spjegati fid-deċiżjonijiet ċitati. Dan it-tnaqqis iġib is-somma ta' €71,230.

39. Illi minn din is-somma mbagħad irid isir tnaqqis finali daqs l-ammont ta' kera li r-rikorrenti, u l-awtriċi fit-titolu tagħhom, irċievew. Mill-provi prodotti, jirriżulta li l-ammont ta' kera li kellu jkun pagabbli mill-inkwilini kellu jammonta kumplessivament għal madwar €12,930.

40. Għalhekk il-kumpens pekunjarju li huwa mistħoqq mir-rikorrenti jammonta għal €58,300.

41. Fir-rigward tal-kumpens għall-ħsarat non-pekunjarji, il-Qorti tqis li l-użufrutt ta' Ines Vella ntemm mal-mewt tagħha fl-aħħar tas-sena 2004, u kien minn dak iż-żmien li r-rikorrenti bdew iġarrbu d-deprivazzjoni huma stess. Billi l-kumpens mhux pekunjarju ma jintiritx, u billi r-rikorrenti ma ressqux prova ta' xi preġudizzju partikolari li huma ġarrbu b'konsegwenza tad-deprivazzjoni, l-Qorti se tillikwida l-ammont ta' €3,000 bħala kumpens morali favur ir-rikorrenti għaż-żmien li ġie wara l-mewt tal-użufruttwarja.

42. Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha fuq premessi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[16] Għal din is-sena qed jitqiesu biss l-ewwel seba' xhur.

(i) tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati sa fejn huma inkonsistenti ma' dak deċiż f'din is-sentenza;

(ii) tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti billi tiddikjara li bl-operazzjoni tal-artikolu 12, u partikolarment tal-artikolu 12(2) tal-Kapitolu 158, ġew leżi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u dan fir-rigward tal-proprjetà bin-numru 39, Melita Street, Sliema;

(iii) tiċħad it-tieni talba billi b'konsegwenza tal-promulgazzjoni tal-Att XXVI tal-2018 u leġiżlazzjoni sussegwenti d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza m'għadhomx jippekkaw mill-ħtieġa ta' proporzjonalità kif spjegat aktar 'il fuq f'din is-sentenza;

(iv) tilqa' t-tielet u r-raba' talbiet billi tillikwida l-kumpens sħiħ dovut lir-rikorrenti mill-intimat Avukat tal-Istat għall-vjolazzjonijiet subiti minnhom fis-somma kumplessiva ta' wieħed u sittin elf u tliet mitt Ewro (€61,300), u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas dan l-ammont lir-rikorrenti bl-imgħax legali dekorribbli mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv;

(v) tordna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur